

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fis-17 ta' Jannar 2018 – Cobra Servicios Auxiliares, S.A. vs José Ramón Fiuza Asorey e Incatema, S.L.**

**(Kawża C-30/18)**

(2018/C 142/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Cobra Servicios Auxiliares, S.A.

*Konvenuti:* José Ramón Fiuza Asorey e Incatema, S.L.

**Domandi preliminari**

- 1) Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat, li tinsab fl-Anness tad-Direttiva 1999/70<sup>(1)</sup>, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, bis-saħħa tal-istess ċirkustanzi fattwali (it-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-persuna li timpjega u impriża terza fuq rieda ta' din tal-aħħar), tipprevedi allowance minuri minħabba t-terminazzjoni ta' kuntratt għal żmien determinat għat-twettiq ta' xogħlijiet jew servizz relatat mat-tul tat-terminu tal-kuntratt, b'hal dik għat-terminazzjoni tal-kuntratti indefiniti ta' ħaddiema paragunabbli, minħabba tkeċċija kollettiva ġġustifikata għal raġunijiet produttivi tal-impriża li jirriżultaw minn tmiem l-imsemmi kuntratt?
- 2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, in-nuqqas ta' trattament ugwali tal-allowance minħabba terminazzjoni kuntrattwali ġġustifikata għal ċirkustanzi fattwali identiċi anki jekk abbażi ta' raġunijiet ġuridiċi differenti, bejn ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat u ħaddiema b'kuntratt għal żmien indeterminat paragunabbli, għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxi diskriminazzjoni pprojbita fl-Artikolu 21 tal-Karta li tirriżulta kuntrarja għall-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni msemmija fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, li jiffurmaw parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bari (l-Italja) fid-19 ta' Jannar 2018 – proċeduri kriminali kontra Massimo Gambino u Shpetim Hyka**

**(Kawża C-38/18)**

(2018/C 142/34)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bari

**Akkużati**

Massimo Gambino, Shpetim Hyka

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 16, 18 u 20(b) tad-Direttiva 2012/29/UE <sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-vittma jkollha terġa' tixhed f'seduta quddiem qorti b'kompożizzjoni ġdida meta waħda mill-partijiet fil-proċeduri tirrifjuta, skont l-Artikoli 511(2) u 525(2) tal-codice di proċedura penale (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali) (kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita f'dan il-qasam), li tagħti l-kunsens tagħha sabiex jinqara l-proċess verbal tal-istqarrijiet li saru qabel mill-istess vittma fl-osservanza tal-kontradittorju quddiem qorti b'kompożizzjoni differenti fl-istess proċeduri?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU 2012, L 315, p. 57).

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2018 minn il-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) fl-10 ta' Novembru 2017 fil-Kawża T-180/15, Icap plc et vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-39/18 P)**

(2018/C 142/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou, V. Bottka, M. Farley, B. Mongin, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Icap plc, Icap Management Services Ltd, Icap New Zealand Ltd (ICAP)

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla s-sentenza (punti 281 sa 299 u d-dispożittiv) sa fejn tannulla l-multi fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad il-ħames u s-sitt motivi fir-rikors ta' ICAP quddiem il-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-multi, u tistabilixxi l-multi xierqa fir-rigward ta' ICAP billi applikal-ġurisprudizzjoni sħiħa tagħha;
- tikkundanna lil ICAP tbat i-ispejjeż kollha sostnuti matul dawn il-proċeduri u tirriforma l-ordni fir-rigward tal-ispejjeż fis-sentenza tal-ewwel istanza sabiex tirrifletti l-eżitu ta' dan l-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tibbaża l-appell tagħha fuq l-aggravju uniku segwenti:

Il-Kummissjoni tissottmetti fis-sentenza fil-Kawża T-180/15 Icap plc et vs Il-Kummissjoni, EU:T:2017:795, il-Qorti Ġenerali b'mod inkorrett applikat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-motivazzjoni neċessarja meta jiġu imposti multi. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma jsegwix is-sentenza ewlenija fil-Kawża C-194/14 P, AC Treuhand vs Il-Kummissjoni, EU:C:2015:717, punti 66 sa 68 u timponi obbligu iktar strett fuq il-Kummissjoni sabiex timmotiva f'iktar dettall il-metodoloġija użata fl-ikkalkular tal-multi imposti għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE, speċjalment meta tapplika l-punt 37 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi. L-appell tal-Kummissjoni huwa intiż li jikkoreġi l-iżbalji serji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, liema, fl-eventwalità li jiġu aċċettati, ikunu ta' detriment għall-kapaċità tal-Kummissjoni li tiddetermina multi adegwati sabiex jinkiseb effett deterrenti. Dmir ta' raġunament li jkun interpretat b'mod xieraq, li jikkorrispondi għar-rekwiżiti tal-ġurisprudenza msemmija fil-Kawża C-194/14 P, AC Treuhand, punt 68, huwa essenzjali sabiex jinkiseb dak il-għan. B'kuntrast ma' dan, obbligu iktar strett ta' motivazzjoni fuq il-multi, li jinkludi d-deliberazzjonijiet u l-kalkoli interni ta' passi intermedji, għandu effett fuq il-marġini ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-istabbiliment tal-multi, inkluż meta jibbaża ruħu fuq il-punt 37 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi. Dan tal-aħħar kien speċifikament redatt sabiex jippermetti lill-Kummissjoni li tiddevja mil-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi f'każijiet atipiċi, bħal meta timponi multi fuq faċilitaturi. Kif ġie rrikonossut mill-qrati tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tippreżerva s-setgħat tagħha ta' evalwazzjoni u ta' diskrezzjoni fl-iffissar ta' multi adegwati.